## 53. MOZZJONI DWAR SELF TA' FLUS PERMEZZ TA' ĦRUĠ TA' STRUMENTI TA' DEJN

Il-Ministru għall-Finanzi ppropona: -

Billi huwa provdut, fl-artikolu 13 "Limiti fuq is-self u l-finanzjament bil-quddiem" u speċifikament bis-subartikolu (4) tal-artikolu 13 tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' kull meta jkun awtorizzat għal hekk b'Rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jikseb flus ta' ammont mhux aktar minn dak speċifikat f'dik ir-Riżoluzzjoni permezz ta' ħruġ ta' strumenti ta' dejn;

U billi ġie deċiż li jinħarġu strumenti ta' dejn tal-Gvern mħux negozzjabbli għall-ammont ta' mhux aktar minn €100,000,000.00c (mitt miljun Ewro) ;

Issa, għalhekk, jiġi riżolt li l-Ministru għall-Finanzi jiġi awtorizzat jagħmel ħruġ ta' strumenti tad-dejn ta' mhux aktar minn €100,000,000.00c (mitt miljun Ewro) skont id-dispożiozzjonijiet tal- Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku.

20.07.17